II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-28 ta' Frar 2008

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Kunsill ta' l-Ewropa dwar kooperazzjoni bejn l-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u l-Kunsill ta' l-Ewropa

(2008/578/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 308, flimkien ma' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jistabbilixxi Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali [1] jipprevedi li tkun stabbilita koperazzjoni mill-qrib bejn l-Aġenzija u l-Kunsill ta' l-Ewropa.

(2) Il-Kummissjoni nnegozjat, f'isem il-Komunità Ewropea, Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Kunsill ta' l-Ewropa dwar koperazzjoni bejn l-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u l-Kunsill ta' l-Ewropa (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim").

(3) Il-Ftehim għandu għaldaqstant jiġi ffirmat u approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Kunsill ta' l-Ewropa dwar koperazzjoni bejn l-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u l-Kunsill ta' l-Ewropa, kif prevista mill-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 168/2007, huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità Ewropea.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim sabiex jiġi espress il-kunsens tal-Komunità li tintrabat minnu [2].

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 28 ta' Frar 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

D. MATE

[1] ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1.

[2] Id-data tad-dħul tal-Ftehim tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.